C/2026/1946

30.3.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12368 - MACQUARIE GROUP / LA CAISSE / MAPLE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/1946)

1. Fl-20 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— MAIF 4 Investments India 2 Pte. Ltd. ("MAIF 4", Singapore), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Macquarie Group Limited ("Macquarie Group", l-Awstralja),

— CDPQ Asia III ("CDPQ Asia", il-Kanada), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Caisse de dépôt et de placement du Québec ("La Caisse", il-Kanada),

— Mamaple Infrastructure Trust, Maple Infra invit Investment Manager Private Limited, u Maple Highway Project Management Private Limited (flimkien "Maple", l-Indja), ikkontrollati minn La Caisse.

Macquarie Group u La Caisse se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Maple.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma u ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— MAIF4 ma għandha l-ebda operazzjoni, assi jew dħul. Macquarie Group huwa grupp diversifikat ta' servizzi finanzjarji,

— CDPQ Asia III hija ffukata fuq l-investimenti fl-Asja. La Caisse hija investitur istituzzjonali fit-tul.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Maple huma dawn li ġejjin: sjieda u operazzjoni tal-konċessjonijiet tat-toroq fl-Indja permezz ta' veikoli bi skop speċjali. Maple ma għandha l-ebda attività fiż-ŻEE.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12368 — MACQUARIE GROUP / LA CAISSE / MAPLE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

Il-Kummissjoni Ewropea/European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË